

Brussell, 20 ta' Settembru 2022  
(OR. en)

12232/22

LIMITE

PECHE 305  
UK 126

#### NOTA

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Opportunitajiet tas-sajd għall-2023: Stokkijiet kondiviżi tas-sajd mar-Renju Unit

---

- Skambju ta' fehmiet

---

1. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (TCA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021 u stabbilixxa qafas ġdid għall-ġestjoni konġunta tal-istokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet tal-UE u tar-Renju Unit. Il-Partijiet qablu dwar objettivi komuni u dwar sett ta' prinċipji fir-rigward tal-isfruttar ta' stokkijiet kondiviżi fl-ilmijiet rispettivi tagħhom (Intestatura V, Parti II, TCA).
2. Skont it-termini tat-TCA (l-Artikolu 498), iż-żewġ Partijiet ikollhom konsultazzjonijiet annwali biex jiddeterminaw il-limitu ta' qabdiet totali permissibbli għal kull speċi ta' ħut u d-drittijiet tas-sajd rispettivi tagħhom. Madwar 100 stokk ta' ħut jitqiesu bħala riżorsa kondiviża fl-Atlantiku u fil-Baħar tat-Tramuntana (dawn huma elenkati fl-Anness 35 tat-TCA).
3. Il-Kummissjoni Ewropea twettaq il-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit f'isem l-Unjoni, f'konformità mat-TCA, u f'konformità mal-UNCLOS u r-Regolament bażiku dwar

- l-Politika Komuni tas-Sajd ("PKS")<sup>1</sup>, abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni definita mill-Kunsill.
4. F'Ottubru 2021, il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq qbil dwar il-qabdiet totali permissibbli. Din il-Deċiżjoni tistabbilixxi l-prinċipji u l-orjentazzjonijiet għall-iggrawidjar tal-konsultazzjonijiet annwali dwar l-istokkijiet kondiviżi tas-sajd bejn l-UE u r-Renju Unit fis-snin li ġejjin, fuq bażi pluriennali bi proċess li jspecifika l-pożizzjoni tal-Unjoni kull sena.
  5. Is-servizzi tal-Kummissjoni huma mistennija jippreżentaw dokument informali b'suġġerimenti għall-pożizzjonijiet tal-UE, li jkopri l-konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit, bejn l-UE u n-Norveġja u bejn l-UE, ir-Renju Unit u n-Norveġja għall-2023<sup>2</sup>.
  6. Il-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit għandhom jibdew qabel l-aħħar ta' Ottubru, ikomplu f'diversi ċikli matul Novembru u jintemmu sa mhux aktar tard mill-10 ta' Diċembru. L-abbozz ta' Rekord bil-Miktub li jagħti dettalji dwar l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma l-ishma korrispondenti tal-UE jkunu jistgħu jiġu riflessi fid-deliberazzjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 fil-Kunsill AGRIFISH fit-12 u t-13 ta' Diċembru.
  7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jipprovdi gwida, billi jorganizza skambju ta' fehmiet dwar il-prijoritajiet qabel il-konsultazzjonijiet dwar l-istokkijiet kondiviżi tas-sajd bejn l-UE u r-Renju Unit għall-2022.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>2</sup> ST 12526/22.